**Kunsill Lokali Ħal Balzan**

# Rapport Amministrattiv

# 2020

*Imħejji minn Doriette Farrugia, Segretarju Eżekuttiv*

## Werrej

| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **L-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **10** |
| **Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | **13** |

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan matul is-sena.

Matul is-sena 2020, tkompliet il-ħidma tal-Kunsil tad-disa' leġislatura, li l-bidu tagħha kien fl-1 ta' Lulju 2019. Din is-sena, kienet ferm diffiċli minħabba l-pandemija tal-COVID-19, però il-ħidma tal-Kunsill, għalkemm differenti mis-soltu, ma waqfietx.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| In-Nutar Ian Spiteri | Sindku |
| Dr Angelo Micallef | Viċi Sindku |
| Stephen Gatt | Kunsillier |
| Mary Louise Briffa | Kunsillier |
| Dr Oliver Nicholas De Gaetano | Kunsillier |

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Matu lis-sena 2020 inżammu sbatax (17) – il laqgħa tal-Kunsill u laqgħa tal-lokalità, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | Laqgħat tal-Kunsill Nru. 9 – 25 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 3 | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Nutar Ian Spiteri | 18 | - | - | 100 |
| 2 | Dr Angelo Micallef | 18 | - | - | 100 |
| 3 | Stephen Gatt | 17 | 1 | - | 94 |
| 4 | Mary Louise Briffa | 17 | - | 1 | 94 |
| 5 | Dr Oliver Nicholas De Gaetano | 17 | 1 | - | 94 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' żewġ impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Doriette Farrugia | Segretarju Eżekuttiv |
| Mariella Casha | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Claudine Hundsrucker | Skrivan |

Matul is-sena, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati:

| | |
|---|---|
| Martin Fenech | RSSL |
| Anthony Dimech | Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF) |

li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità.

Matul din is-sena, irtiraw żewġ impjegati. Anthony Bray (Community Work Scheme Enterprise Foundation - CWSEF) f'Settembru u l-iskrivan Lawrence Pace f'Ottubru.

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll l-għajnuna ta' dawn l-esperti:

| | |
|---|---|
| L-Avukat Abigail Critien | Servizz Legali lill-Kunsill |
| Il-Perit Anthony Bezzina | Servizz ta' Perit |
| Is-Sur Mark Debono | Servizz ta' *Accountant* |

biex jgħinu lill-Amministrazzjoni fix-xogħol tagħha u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Ir-responsabbiltajiet li ġew assenjati lill-Kunsilliera fil-bidu tad-Disa' Leġislatura huma kif ġej :

**Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri**
Proġetti, L-Infrastruttura, Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef**
Il-Kultura, L-Edukazzjoni u Pubblikazzjonijiet

**Il-Kunsillier Stephen Gatt**
L-Indafa, L-Ambjent, Komunitajiet, Il-Qasam Soċjali u L-Integrazzjoni Soċjali

**Il-Kunsillier Mary Louise Briffa**
L-Anzjani, Iż-Żgħażagħ u Tfal

**Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano**
L-Innovazzjoni, Il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

Dawn huma l-bilanċi bankarji tal-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2020:

| | |
|---|---|
| HSBC Current Account | €92,979.63 |
| BOV Current Account | €293,065.47 |
| BOV Savings Account (Central Region Council LES Surplus) | €37,311.59 |
| BOV Savings Account (LC Other Entities) | €100.00 |
| BOV Savings Account ( Local Enforcement System) | €19,450.14 |
| Cash in Hand | €221.00 |
| **Total** | **€443,127.83** |

Mit-total irid jitnaqqas l-ammont ta' €13,695.63 f'ċekkijiet li sal-31 ta' Diċembru 2020 kienu għadhom mhux imsarrfa.

## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Matul l-2020, il-Kunsill kompla għaddej bil-ġbir ta' skart imħallat. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tnejn, Ħamis u Sibt.

**Ġbir ta' skart oganiku**
Matul l-2020, il-Kunsill kompla għaddej bil-ġbir ta' skart organiku. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa.

**Ġbir ta' skart riċiklabbi**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli mill-kumpanija GreenPak. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tlieta.

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, jinġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb mill-kumpanija GreenPak.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Dan is-servizz jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

***Roadshow Campaign***
Matul din is-sena, WasteServ kompliet b'din il-kampanja fejn darba fix-xahar, promoturi tal-immaniġġjar tal-iskart jakkumpanjaw trakk speċjalizzat f'kull lokalità. L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li jinħoloq għarfien dwar l-immaniġġjar tal-iskart biex jiżdied is-separazzjoni tal-iskart. It-trakk jaċċetta diversi affarijiet, fosthom li ma jmorrux fil-borża tal-iskart riċiklabbli bħal jablo, żejt tat-tisjir, bozoz u tessuti fost oħrajn.

Fil-każ ta' Ħal Balzan, it-trakk ikun fil-pjazza, fit-tielet Ħamis tax-xahar bejn id-9.30am u s-1.30pm.

**Tindif tat-Toroq**

Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalità tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal tinkines darbtejn fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal- bankini fejn kien meħtieġ.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**
Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-*Handyman* li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

***Tenders***
Matul is-sena il-Kunsill ħareġ *Tender* wieħed*:*
- *Services of a Contracts Manager*

**Ħarġiet għall-Anzjani**
Matul din is-sena, ġew organizzati 3 ħarġiet biex jgħinu lill-anzjani jissoċjalizzaw. Dawn il-ħarġiet huma ssussidjati mill-Kunsill. Il-ħarġiet normalment isuru kull xahar, però din is-sena, temporanjament ġew imwaqqfa minħabba l-COVID-19, fejn l-aħħar ħarġa li saret kienet f'Marzu 2020.

**Vaċċin tal-Influwenza**
Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, din is-sena t-tilqima ingħatat fil-bereġ.

***Pink October / Movember***
Din is-sena, il-Kunsill reġa' wera s-sapport tiegħu għall-inizjattiva *Pink October u Movember* billi xegħel il-faċċata tal-uffiċċju u l-*playing field* b'dawl roża / blu, tul ix-xahar t'Ottubru u November 2020.

**Jum Ħal Balzan**
Jum Ħal Balzan ġie ċċelebrat il-Ħadd, 20 ta' Diċembru 2020. Fl-istess ġurnata kien hemm l-għotja tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan.

Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jikkonsistu f'Quddiesa għall-okkażjoni li saret fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan u l-preżentazzjoni tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan.

Il-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan din is-sena ingħata lill-
- Marco Bartolo fil-katergorija Lokali;
- Dr Jonathan Joslin fil-kategorija Nazzjonali u
- Keith u Garth Galea fil-kategorija Internazzjonali.

***Open Library***
Fi Frar 2020 ġiet varata l-*Open Library* li tinsab fl-uffiċċju tal-Kunsill. Din hija librerija informali, fejn wieħed huwa liberu li jieħu ktieb b'self mingħajr ebda sistema ta' reġistrazzjoni u huwa liberu jirritorna liema ktieb irid (kemm il-ktieb li jkun ġie misluf jew xi ktieb ieħor). Wieħed jista' anke jiddepożita kotba tal-qari, fejn dawn jitpoġġew għad-dispożizzjoni tar-residenti.

**Tisbiħ tal-*Playing field***
Matul din is-sena, il-Kunsill bl-għajnuna tal-Perit tal-Kunsill ħadem fuq dan il-proġett, fejn ġew approvati l-ewwel abbozz ta' pjanti. Il-proġett ser jinkludi *playing equipment* ġdid, *outdoor gym,*

*reading corner*, spazju miftuħ, il-bini mill-ġdid tal-latrina pubblika (li ser tkun livell mat-triq) u l-bini ta' *store* taħtha.

Ser issir laqgħa *online* fejn il-Kunsill ikun jista' jispjega lir-residenti, il-pjanti tal-proġett permezz ta' animazzjoni 3D, fejn dawk preżenti ser ikollhom l-opportunità li jagħtu l-*feedback* tagħhom.

***Embellishment* fi Triq il-Qarċilla**

Matul din is-sena, il-Kunsill ħadem ukoll fuq il-proġett ta'*embellishment* fi Triq il-Qarċilla. Permezz ta' dan il-proġett, ser jitnaqqas il-periklu li hemm (inċidenti serji tat-traffiku), filwaqt li tissebbaħ iż-żona b'numru ta' siġar u pjanti ġodda. Wara li tħejjew il-pjanti mill-Perit tal-Kunsill u r-residenti ta' din iż-żona kellhom l-opportunità jagħtu l-*feedback* tagħhom għall-proġett propost, il-Kunsill approva l-pjanti u mmedjatament inbeda l-proċess sabiex jinkisbu l-permessi kollha neċessarji biex isir il-proġett.

**Attivitajiet għal żmien il-Milied**

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġa' ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu xi toroq b'dawl dekorattiv. Parti mill-ispiża ġiet iffinanzjata mill-Kunsill Reġjonali Ċentru permezz ta' Skema biex jiġu rifonduti spejjeż relatati ma' attivitajiet / armar ta' żmien il-Milied.

Fit-23 ta' Diċembru 2020 bejn is-6.00pm u d-9.00pm, karru armat tal-Milied (bid-dawl u diski) dar it-toroq tal-lokalità biex iferraħ lin-nies bil-mużika tal-Milied.

Din is-sena, il-Kunsill qassam 150 poinsettia b'xejn bħala ġest żgħir għal Milied. Residenti setgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità u kienu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served*.

***Malta Waste Reductions Awards* 2020**

Il-Kunsill ġie fit-tieni post fost il-lokalitajiet kollha, fejn bħala premju ingħata s-somma ta' €3,000 biex jiġu ffinanzjati proġetti ambjentali. Dawn il-fondi ser jiġu utilizzati sal-aħħar ta' Diċembru 2021.

**Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru**

Matul din is-sena, il-Kunsill ibbenefika minn numru ta' Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru. Dawn jinkludu :

- <u>Skema Finanzjarja Numru 2/2019 – Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru</u>
  Il-Kunsill applika għal din l-iskema. Permezz ta' din l-iskema bbenefikaw il-Każin tal-Banda San Gabriel (fejn ingħataw is-somma ta' €1,400 biex jinxtraw pavaljuni tal-festa) u l-Balzan Youths FC (fejn ingħataw is-somma ta' €600 biex titħallas parti mill-ispiża biex jiġi stampat *magazine* li jfakkar ir-rebħa tal-FA Trophy 2018/2019.

- <u>Skema Finanzjarja Numru 3/2020 – Proġett *Spinningphotos*</u>
  Il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €1,000 fejn permezz ta' *Spinning Photos* ġie mħejji *tour* virtwali tal-Knisja Parrokkjali. Dan it-*tour*, flimkien ma' dawk tal-lokalitajiet li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun jistgħu jiġu aċċessati fuq is-sit elettroniku https://regjuncentru360.org

- <u>Skema Finanzjarja Numru 5/2020 – Xiri jew Kiri ta' Tiżjin tal-Milied 2020</u>
  Il-Kunsill applika u ser jibbenefika mis-somma ta' €3,000 sabiex tiġi ffinanzjata parti mill-ispejjeż relatati mat-tiżjin ta' diversi toroq bi dwal tal-Milied. L-ispiża totali ta' dan il-proġett tammonta €4,790.

- <u>Skema Finanzjarja Numru 7/2020 – COVID-19 *Packs*</u>

Il-Kunsill applika u bbenefika mis-somma ta' €5,000 biex jinxtraw COVID-19 *Packs (*li jikkonsistu minn *antibacterial surface wipes, disposable face masks, hand sanitiser u alchohol wipes)* għar-residenti tal-lokalità. Residenti jistgħu jiġbru pakkett (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità u huma disponibbli fuq bażi ta' *first come first served*.

- Skema Finanzjarja Numru 9/2020 – Għajnuna waqt COVID-19
  Il-Kunsill se jibbenefika mis-somma ta' €5,000 biex jinxtraw maskri biex jingħataw lir-residenti. Dawn ser jitqassmu f'kull residenza matul is-sena 2021.

**Skemi maħruġa minn entitajiet diversi**

Matul din is-sena, il-Kunsill applika għal numru ta' Skemi maħruġa minn entitajiet diversi. Dawn jinkludu :

- Ċirkulari AKL 2019/071 - Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali mill-Fondi tal-LESA
  Il-Kunsill ibbenefika minn €3,537.32c. B'dawn il-fondi ġie ffinanzjat parti mill-proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, fejn ġew imħawwla numru ta' siġar, pjanti u *hedges*, kif ukoll ġie mwaħħal *outdoor litter bin*. Il-proġett kollu ġie jiswa €4,953.25c.

- LC Care Project Grant Support Scheme 2019 – SPI/SCI/09/2019
  Permezz ta' din l-iskema maħruġa fl-2019, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill ibbenefika mis-somma ta' €3,200 (80% tal-ispiża). Dan il-proġett jinkludi x-xiri ta' *traps* u *recovery cages*, is-servizz ta' *neutering*, veterinarju u medikazzjoni għal *stray cats* u xiri ta' *cat shelters*. Dan il-proġett beda jiġi mplimentat matul matul din is-sena u huwa validu sal-31 ta' Marzu 2021.

- LC Care Project Grant Support Scheme 2020
  Il-Kunsill applika għal din l-iskema maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Permezz ta' din l-iskema il-Kunsill ser jingħata €3,600 (80% tal-ispiża) sabiex jipprovdi s-servizz ta' veterinarju, medikazzjoni u ikel għal *stray cats* u biex issir kampanja edukattiva. Dan il-proġett ser jiġi implimentat bejn l-1 ta' April 2021 u l-31 ta' Marzu 2022.

- Ċirkulari SPI/SCI/06/2020 – Finanzjament għall-krejazzjoni ta' spazji miftuħa fiċ-ċentru tal-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex
  Il-Kunsill applika għal din l-iskema, fejn jekk tiġi approvata, il-Kunsill jibbenefika minn 85% tal-ispiża biex isir il-proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla. Din l-applikazzjoni għadha qed tiġi evalwata mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*.

## 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u tliet Kunsilliera.

- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani.

Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsilliera bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalità, u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali m'hu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalità.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

**L-Uffiċċju Amministrattiv**
L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali , permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li jinħarġu minn żmien għal żmien, li jara lid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

**Impjegati tal-Kunsill**
Matul din is-sena kien hemm żieda qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Balzan, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbiltà kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali Ħal Balzan qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.5 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għas-sena 2020. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri, tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsilliera tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut lejn ir-

residenti u l-lokalità. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**IFFIRMAT**

__________________________
Doriette Farrugia
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| **Id-Dħul** | **€** | **€** |
| Mill-Gvern | **361,040** | 334,003 |
| Minn Kontravenzjonijiet | **897** | 1,898 |
| Ġenerali | **21,156** | 28,282 |
| **Total** | **383,093** | 364,183 |
| **L-Infiq** | | |
| Salarji | **(102,803)** | (93,517) |
| *Operations and Maintenance* | **(151,920)** | (141,730) |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | **(112,204)** | (107,698) |
| **Total** | **(366,927)** | (342,945) |
| **Bilanċ / (Defiċit)** | **16,166** | (21,238) |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Dħul mill-Gvern** | | |
| Allokazzjoni Annwali | **323,237** | 304,802 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | **27,062** | 24,665 |
| Dħul ieħor Supplimentari | **10,741** | 4,536 |
| | **361,040** | 334,003 |
| **Dħul minn Kontravenzjonijiet** | | |
| Dħul minn *LES administration fees* | **827** | 1,898 |
| *LESA Distribution* | **70** | 0 |
| | **897** | 1,898 |
| **Dħul Ġenerali** | | |
| Permessi | **21,079** | 26,270 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | **77** | 2,012 |
| | **21,156** | 28,282 |
| **Dħul Totali** | **383,093** | 364,183 |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Salarji** | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Onorarja tas-Sindku | **12,804** | 9,390 |
| Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv | **31,267** | 30,586 |
| Salarji tal-Impjegati | **41,995** | 38,105 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | **6,137** | 5,826 |
| *Allowances* tal-Kunsilliera | **10,600** | 9,700 |
| | **102,803** | 93,517 |
| ***Operations and Maintenance*** | | |
| **Tiswijiet u Manutenzjoni:** | | |
| Sinjali u Tabelli tat-Traffiku | **3,752** | 2,674 |
| *Public Property* | **16,628** | 13,907 |
| Marki tat-Traffiku | **2,735** | 1,187 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni Oħra | **1,735** | 2,202 |
| | **24,850** | 19,970 |
| **Spejjeż ta' Kuntratti:** | | |
| Ġbir ta' Skart | **73,962** | 67,885 |

| | | |
|---|---|---|
| Ġbir ta' Skart Goff | **8,933** | 8,444 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | **34,720** | 33,969 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika | **2,703** | 3,510 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-*Parks & Gardens* | **3,027** | 3,027 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni tad-dawl tat-toroq | **1,517** | 2,883 |
| Oħrajn | **2,208** | 2,042 |
| | **127,070** | 121,760 |
| | **151,920** | 141,730 |
| **Amministrazzjoni u Spejjeż Oħra** | | |
| Dawl, ilma, telefon, internet, etc | **5,798** | 4,035 |
| Xiri ta' materjal (*Materials & Supplies*) | **840** | 660 |
| Kera | **1,875** | 1,850 |
| *Lease Interest* | **4,288** | 4,641 |
| *Memberships* | **(882)** | 1,231 |
| Spejjeż tal-uffiċċju | **2,312** | 3,538 |
| Trasport | **507** | 1,535 |
| Informazzjoni lill-Pubbliku | **1,533** | 1,351 |
| Servizzi Professjonali | **29,148** | 22,804 |
| Taħriġ | **0** | 462 |
| Servizzi lill-Komunità u Attivitajiet | **13,608** | 8,611 |
| *Local Enforcement Expenses* | **65** | 254 |
| Spejjeż oħra varji | **203** | 59 |
| *Assets written-off* | **177** | 0 |
| *Depreciation* | **52,732** | 56,667 |
| | **112,204** | 107,698 |
| **Infiq Totali** | **366,927** | 342,945 |

## Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera minn Lulju sa Diċembru 2020

### Is-Sindku in-Nutar Ian Spiteri

Responsabbli mill-Proġetti, l-Infrastruttura, Sports u Attivitajiet Fiżiċi

Ninsab kważi f'għeluq is-sitt sena minn meta ħadt l-ewwel ġurament tiegħi bħala Sindku ta' raħal twelidi, u tul dawn is-snin kollha l-ħidma tiegħi u ta' sħabi l-Kunsilliera ma waqfitx! Kienu snin mimlija sfidi li taw il-frott tagħhom ukoll.

Nammetti magħkom però, illi s-sena li għaddiet kienet l-aktar sena iebsa tul il-ħidma tiegħi, kawża tal-misħuta pandemija tal-COVID-19. Is-sena bdiet fuq nota pożittiva, fejn bħal ma nagħmel ta' kull sena, dort il-każini kollha u tajt l-awgurju tiegħi għas-sena li kienet għadha kemm bdiet. Fix-xahar ta' Jannar, ġew varati tnejn mill-akbar żewġ proġetti li qatt ra dar-raħal, wieħed minnhom infrastrutturali u l-ieħor ambjentali: hawn qed nirreferi għall-ftuħ uffiċjali ta' Wied Ħal Balzan, proġett tant bżonnjuż għalina r-residenti, u kif ukoll proġett ambjentali, fejn tħawwlu 'l fuq minn ħamsa u tletin siġra fi Triq l-Imdina. Parti minn dal-proġett ambjentali kien jinkludi ż-żamma u t-tisqija ta' dawn l-istess siġar, illi sena wara tant qed jiffjorixxu!

Bqajt f'kuntatt mal-każini u l-kumitati kollha fi ħdan ir-raħal, u grazzi għall-fondi li r-Reġjun Ċentru (illi minnu niffurmaw parti) jallokalna minn żmien għal żmien għal proġetti u skemi partikolari, fi Frar kelli l-unur illi nippreżenta lill-Kumitat tal-Każin San Gabriel somma sabieħa b'risq sett ta' għaxar pavaljuni ġodda. Nixtieq niċċara illi peress illi dawn il-fondi kellhom jingħataw biss lil dawk il-każini illi huma reġistrati bħala *Voluntary Organization*, sfortunatament, is-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata ma kkwalifikatx, għax dak iż-żmien kienet għadha mhix rikonoxxuta uffiċjalment bħala tali Organizazzjoni. Somma oħra ġiet ippreżentata wkoll lill-Kumitat tal-Balzan FC sabiex tassistieh fil-ħidma tiegħu.

L-ambjent huwa qasam importantissimu għalija u nagħmel minn kollox sabiex kemm jista' jkun inżomm ir-raħal fi stat tajjeb ta' indafa. Għal dan il-għan, is-sena li għaddiet investejna f'numru ta' *bins* ġodda li mhux biss servew l-iskop tagħhom imma sebbħu wkoll lir-raħal tagħna. Ħdimna ukoll sabiex nippruvaw nottjenu aktar fondi sabiex ninvestuhom fil-ftit spazji pubbliċi illi għandna f'Ħal Balzan.

Fi Frar attendejt il-*Mayors Round Table*, konferenza ta' importanza kbira li fiha jiltaqgħu s-Sindki ta' Malta u Għawdex kollu sabiex jiddiskutu temi li jolqtu direttament liċ-ċittadin. Dħalna f'dettal kbir fuq diversi suġġetti bħal ma huma l-ambjent, is-sigurtà, il-fondi, l-anzjani, is-saħħa, u tant u tant oqsma oħra ta' importanza kbira għal kull wieħed u waħda minnha. Fiha wassalt il-karba u ilmenti li bħala Kunsill inħabbtu wiċċna magħhom ta' kuljum, fosthom l-iżvilupp bla rażan u l-abbużi li qed isiru fil-kamp tal-kostruzzjoni u li qed jipperikolaw lir-residenti tagħna, apparti li qed jaffettwalhom saħħithom ukoll. Fuq dal-punt ġejt inwiegħed illi se jsir aktar infurzar u se jingħataw multi ħorox għal min bilħsiebu jibqa' jikser u/jew jabbuża mil-liġi, u fejn hemm bżonn anke tittieħed azzjoni kriminali kontrieh.

L-impenji tiegħi ta' Sindku jestendu wkoll il-barra mir-raħal u fl-istess ħin fil-konfini ta' Ħal Balzan stante illi hemm numru t'Ambaxxati li jinsabu ġewwa Ħal Balzan. Fil-fatt, is-sena li għaddiet kelli l-unur li niltaqa' f'laqgħa privata mal-Eċċellenza Tagħha l-Ambaxxatriċi ta' Spanja fejn iddiskutejna numru ta' proħetti, u kif ukoll attendejt ċerimonja organizzata mill-Ambaxxata tal-Kuwait. Nemmen bi sħieħ li dawn il-laqgħat huma bżonnjużi ħafna għax iwessgħu l-orizzonti u l-opportunitajiet għar-raħal ċkejken tagħna.

Il-ħidma tiegħi f'dak li jirrigwarda l-moniteraġġ tax-xogħol ta' manutenzjoni u riparazzjoni illi jinqala' ta' kuljum ma waqfitx. Kif tafu, il-bżonnijiet tagħkom ir-residenti huma kontinwi u diversi, u jinkludu ġbir ta' skart, manutenzjoni ta' bankini, dwal fit-toroq u bdil u tiswija ta' bozoz, *bring-in site* nadif, *refreshing* ta' parking bays u linji/bays ġodda, u tant u tant xogħol ieħor. Dan isir grazzi għall-ħaddiema tagħna illi huma tant dedikati. Kif wieħed jista' jara b'għajnejh, wara pressjoni kbira illi għamilt mal-aworitajiet konċernati, il-*bring-in site* issa qed ikun fil-maggior parti tal-ħin nadif u minn żmien għal żmien ir-reċipjenti qegħdin jinħaslu wkoll. Sfortunatament, dan kien ifisser illi kellhom jingħataw multi lil xi individwi, imma ma kienx hemm alternattiva oħra...minn ma jitgħallimx bl-edukazzjoni ikollu jitgħallem billi tmisslu l-but!

F'Marzu imbagħad faqqgħet il-pandemija! Din ġabet bidla radikali fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minnha, speċjalment għall-anzjani tagħna. Kien u għadu perjodu diffiċli ħafna għalija fil-ħidma tiegħi ta' Sindku. Kif jaf kulħadd, din ġabet biża' kbira… għamilt ġimgħat u xhur sħaħ lejl u nhar nirrispondi fuq il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni għall-bżonnijiet tagħkom ir-residenti. Fl-istess ħin kont qed niġi ibbombardjat kontinwament mill-awtoritajiet kollha (u mhux biss dik tas-saħħa) biex inwassal informazzjoni imporanti ħafna għalikom ir-residenti. Din il-pandemija kienet ġdida għal kulħadd, u għalhekk ma kontx lest li nieħu ebda tip ta' riskju, speċjalment għax il-ħajja ta' kull wieħed u waħda minnha kienet fil-periklu. Għamilt dak li stajt biex inżomm id-dixxiplina ġewwa r-raħal, u dan kien ifisser illi kellhom jiġu introdotti ċertu miżuri iebsa fosthom ta' *social distancing*. Dan ma kien faċli xejn, u bosta drabi ġejt ikkritikat għan-nuqqas ta' flessibilità li urejt; jiddispjaċini? Dażgur li le! Ma kontx lest nilħaq ebda kompromessi ma' saħħet ir-residenti tagħna. Għal żmien għattejna l-bankijiet bi plastik u anke għalaqna l-*playing field*. Iddiżinfettajna kemm stajna mhux biss it-toroq imma anke iċ-ċentru u spazji pubbliċi fir-raħal. Fl-uffiċċju tagħna tal-Kunsill, ħdimna u għadna naħdmu sabiex filwaqt illi inkomplu bl-operat tagħna u nibqgħu nkunu ta' servizz għalikom, il-post jinżamm nadif, diżinfettat, u b'tali mod illi jirrispetta d-distanza soċjali. Peress illi l-fondi tal-Kunsill huma limitati ħafna, u peress illi sfortunatament ma ngħatat l-ebda għajnuna finanzjarja mill-Gvern sabiex tgħina fl-ispiża kbira li ġiet fuqna bħal sajjetta, għamilt talba lill-Eċċellenza Tiegħu l-Ambaxxatur taċ-Ċina sabiex jgħina b'kull mod possibbli, u grazzi għall-ġenerożità tiegħu, ingħatajna 2,000 maskra li tqassmu lil numru sostanzjali ta' anzjani. Grazzi għall-impenn ukoll tal-Viċi Sindku fi ħdan ir-Reġjun Ċentru, ftit xhur wara ingħatajna pakkett li kien jikkonsisti f'numru ta' oġġetti bħala *hand sanitizers, face masks*, eċċ, li mill-ġdid tqassmu mhux biss mal-anzjani imma ma' ħafna familji oħra Balzanin. Personalment żort numru ta' residenti fejn assistejthom fil-bżonnijiet personali tagħhom. It-tbatija tal-anzjani ma kentix biss waħda ta' nuqqas ta' mobilità, imma fuq kollox kienet is-solitudni kbira li ħakkmithom u li kienet diffiċli biex titrażżan.

Għalina l-Balzanin, weġgħa kbira oħra dis-sena kien il-fatt illi l-festa tant għażiża għalina kellha titħassar. Għalkemm saret il-purċissjoni, l-atmosfera ma kienitx tas-soltu. Kelli pjaċir illi nattendi żewġ attivitajiet illi ittellgħu mill-każini tal-baned rispettivi u li it-tnejn li huma kienu ta' suċċess kbir! Nawgura illi din is-sena nerġgħu niċċelebraw b'mod tradizzjonali l-festa tal-Kbira Lunzjata tagħna!

Tul is-sena li għaddiet kelli diversi laqgħat mal-Perit tal-Kunsill sabiex infasslu l-pjanti għal żewġ proġetti kbar u importanti fi ħdan ir-raħal tagħna... hawn qed nirreferi għal bini mill-ġdid tal-*playing field*, u kif ukoll it-tisbiħ tal-ispazju miftuħ fi Triq il-Qarċilla. Saret ukoll komunikazzjoni mar-residenti sabiex nilqgħu l-*feedback* tagħhom u ntejbu fuq is-suġġerimenti tagħhom. L-applikazzjoni mal-awtoritajiet konċernati sa tibda immedjatament sabiex il-proċess ma jkaxkarx fit-tul biex kemm jista' jkun innaqqsu l-inkonvenjent għar-residenti. Xogħol iehor infrastrutturali kien ir-*resurfacing* mill-ġdid ta' Triq it-Tabib Zammit u kif ukoll bankini u servizzi ġodda oħra fl-istess Triq; min jgħaddi minn hemm jinduna x'biċċa xogħol tajba saret, fl-iqsar żmien possibbli u fejn l-interessi tar-residenti dejjem ġew rispettati. Xogħol ieħor illi tiegħu kont inkarigat minnu jien kien il-bdil ta' arbli tad-dawl/elettriku illi issaddu maż-żminijiet u li bil-mod il-mod qed jiġu identifikati u mibdula. In oltre, fuq proposta illi kont ressaqt, saru żewġ *zebra crossings* ġodda fil-Pjazza, li tant u tant kienu bżonnjużi.

Il-laqgħat mensili mas-Supretendent tad-Distrett ma waqfux. Fihom issir diskussjoni dwar is-sigurtà tar-residenti. Għalkemm mhux kulħadd jieħu pjaċir biha, fuq talba illi jien kont għamilt, is-superviħjoni fit-toroq żdiedet u anke l-infurzar. Hemm bżonn li jkollna raħal kontrollat fejn nirrispettaw mhux biss l-ambjent tagħna imma fuq kollox lil xulxin. Fl-aħħar xhur bħala Kunsill ressaqna l-preokuppazzjoni tagħna għall-għeluq tal-għassa; nammetti illi s'issa ma kellna l-ebda risposta imma se nibqgħu nippressaw sabiex din terġa' tinfetaħ.

Nagħlaq, diversi kienu l-mumenti ta' ferħ li ħassejt f'okkażjonijiet differenti fosthom meta l-*players* tal-U19 ħadu t-tazza, meta ġejna *runners up* tal-*Award in Waste Management* fil-'*Malta Waste Reduction Awards'* u ġentilment mogħti mill-Wasteserv u li ġab miegħu premju ta' €3,000 li sejjer jintuża f'proġett ambjentali ieħor, u kif ukoll meta fl-aħħar tas-sena attendejt għall-kunċert fantastiku ġewwa l-Parroċċa tagħna! Pero' kelli wkoll mumenti ta' dieqa kbira, fejn tlift ħbieb Balzanin li l-Mulej għoġbu jsejjaħ għal ħajja ta' dejjem. Kif wieħed jista' jara, il-ħajja ta' Sindku m'hi faċli xejn u l-bilanċ bejn ir-rwol tiegħi ta' Sindku u dak ta'

missier ta' familja u professjonist mhux dejjem possibbli li jintlaħaq. Minkejja dan, kburi li l-kontribut li qed nagħti lir-raħal tiegħi, kbir kemm hu kbir jew żgħir kemm hu żgħir, qed jagħti l-frott, u qed nagħmel ħilti biex meta jintemm il-mandat tiegħi, min jiġi warajja jsib siġra b'saħħitha b'għeruq sodi!

## Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef

Responsabbli mill-Kultura, l-Edukazzjoni u Pubblikazzjonijiet u rappreżentant tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan fuq ir-Reġjun Ċentru

### Sena Diffiċli

Is-sena 2020 kienet bla dubju ta' xejn sena diffiċli ħafna għal kulħadd inkluż għal Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Is-sena kienet iddominata minn restrizzjonijiet fuq ġemgħat ta' nies u miżuri preventivi. B'hekk kienet sena li prattikament fiha l-ħidma tal-Kunsill kellha restrizzjonijiet ċari ħafna fejn tidħol l-organizzazzjoni ta' kwalsiasi forma ta' attività.

Dawn l-isfidi wasslu sabiex numru ta' pjanijiet ġew posposti indefinittivament sakemm is-sitwazzjoni tirritorna lura għan-normal. Fost il-pjanijiet posposti kien hemm id-diskussjoni li kienet qegħda ssir bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan u l-Kunsill Lokali ta' l-Iklin għal ċentru konġunt ta' l-*active ageing*. It-tama' hawn hi li meta s-sitwazzjoni tirritorna għan-normal jien flimkien mal-kollega Mary Louise Briffa nerġgħu nibdew bid-diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' l-Iklin dwar din il-proposta.

### COVID-19

L-isfida tal-Covid-19 ġabet magħha sfidi ġodda għal Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Fost l-isfidi kien hemm l-isfida sabiex titwassal informazzjoni utli u aġġornata lir-residenti. B'hekk, flimkien mas-Sindku n-Nutar Ian Spiteri il-paġna You Safe Balzan saret sors ta' informazzjoni utli b'rabta mal-Covid-19. Din il-paġna f'qasir żmien ġabret 861 membru. L-informazzjoni li kienet titwassal fuq You Safe Balzan kienet titwassal ukoll fuq il-paġna ordinarja tal-Kunsill Lokali.

L-Informazzjoni mwassla kienet tinkludi aġġornament dwar il-miżuri mħabbra mill-gvern u pariri mill-awtoritajiet tas-saħħa dwar kif wieħed jista' jibqa' sigur.

### Reġjun Ċentru

Ħidma li ma waqfet qatt kienet dik marbuta mar-Reġjun Ċentru. Il-laqgħat tar-Reġjun Ċentru komplew ta' kull xahar, b'Ħal Balzan ikun preżenti għal kull laqgħa li saret.

Il-presenza attiva ta' Ħal Balzan fir-reġjun wasslet sabiex nkisbu fondi għal bosta proġetti interessanti li saru jew ser isiru fir-raħal.

- *Virtual Tour* tal-Knisja Parrokjali
  Fis-17 ta' Diċembru 2020 ġie mniedi s-sit www.regjuncentru360.org li fih hemm *tour* virtwali ta' bosta paroċċi fir-reġjun. Ma jonqosx li permezz ta' fondi miksuba mill-istess reġjun il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan ikkordina sabiex il-parroċċa majestuża tagħna tkun inkluża. Permezz ta' dan it-*tour* virtwali wieħed jista' jdur ir-rikkezzi li toffri l-parroċċa ta' Ħal Balzan u jisma' wkoll spjega ta' l-istorja. Nixtieq hawn nirringrazzja lil Carmel Bezzina li bħal dejjem kien dispost biex ikun funtana ta' informazzjoni.

- Proġett Wikipedia
  Permezz ta' fondi miksuba mir-Reġjun Ċentru l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan ħa ħsieb li l-paġna ta' wikipedia dwar Ħal Balzan tkun aġġornata u organizzata. Wikipedia llum sar sors importanti ħafna ta' kif in-nies isiru jafu aktar dwar dak kollu li jkun ta' interess għalihom. Għalhekk paġna ta' Wikipedia organizzata u aġġornata sservi bħala vetrina tajba għar-raħal tagħna.

- Tiżjin tal-Milied 2020
  Il-Kunsill Lokali kiseb fondi mir-Reġjun Ċentru sabiex kompla jsebbaħ it-tiżjin tal-Milied użat fir-raħal. B'hekk għal darb'oħra Ħal Balzan libes libsa sabiħa fil-Milied; libsa li kompliet tikber u kompliet isseddaq dak li kien sar fil-passat fejn jidħol it-tiżjin tal-Milied.

  Il-Kunsill Lokali appoġġja wkoll l-inizjattiva ta' numru ta' residenti li żejnu t-toroq tagħhom kif jagħmlu ta' kull sena. Radd ta' ħajr tmur wkoll għal kull min b'mod attiv ikkopera fit-tiżjin tar-raħal.

- <u>*COVID Packs*</u>
  Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan kiseb fondi mir-Reġjun Ċentru sabiex saru b'valur ta' ħames t'elef Ewro ta' *Covid packs* li tqassmu lir-residenti. Dawn il-*Covid packs* kienu jinkludu maskri, *hand sanitiser, alcohol surface wipes* u *anti bacterial wipes*. Il-Kunsill Lokali kiseb aktar fondi mir-Reġjun Ċentru u qiegħed jaħseb sabiex jerġa' jqassam aktar maskri lir-residenti.

- <u>Aktar fondi miksuba</u>
  Il-Kunsill Lokali kiseb fondi oħra mir-Reġjun Ċentru li hemm pjan li jintużaw fix-xhur li ġejjin. Dawn jinkludu fond ta' għaxar t'elef Ewro għal attività soċjo-kulturali, li t-tama hi, jkun possibbli li ssir fl-ewwel xhur tas-sena 2021; fondi ta' tlett t'elef Ewro għal proġett fir-raħal ta' l-għażla libera tal-Kunsill Lokali, fondi ta' elfejn Ewro għal proġett ta' *virtual tour* ieħor fejn hemm il-ħsieb li possibbilment isir il-*virtual tour* tal-kappella ta' Santa Marija fi triq il-Kbira u l-kappelli ta' triq it-tlett knejjes u fondi ta' erbgħa u tletin elf Ewro għal proġetti fir-raħal.

- <u>Restawr ta' Santa Marija</u>
  Hija l-intenzjoni tal-Kunsill li mill-fondi miksuba mir-Reġjun Ċentru jsir ir-restawr tant meħtieġ ta' l-istatwa ta' Santa Marija fi triq il-Kbira. Dan ir-restawr ser isir b'mod professjonali u ggwidat minn esperti fil-qasam sabiex din il-ġawhra tiġi ppreservata.

  Hemm il-ħsieb ukoll li f'ħidma konġunta ma' għaqda fil-lokal isir ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena. Hawn ukoll il-pjan huwa li jintużaw fondi miksuba mir-Reġjun Ċentru.

**<u>Ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija</u>**
Flimkien mas-Sindku n-Nutar Ia Spiteri ntbagħtu żewġ ittri lill-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa' fejn qegħda tintalab laqgħa. L-ittri jappellaw lill-Kummissarju Gafa' sabiex terġa' tinfetaħ mill-ġdid l-għassa ta' Ħal Balzan u dan sabiex tissaħħaħ u mhux tiddgħajjef is-sigurtà fir-raħal tagħna. Minkejja żewġ ittri fl-aħħar tlett xhur s'issa għadu ma kien hemm ebda rispons mill-Kummissarju Gafa' għajr sempliċi *acknowledgement*. Minkejja li s'issa l-appelli waqgħu fuq widnejn torox, din hija kwistjoni li dwarha jeħtieġ li tkompli l-pressjoni.

**<u>Ittra UNESCO</u>**
Flimkien mas-Sindku n-Nutar Ian Spiteri ntbagħtet ittra ta' appoġġ lill-Għaqda Każini tal-Banda sabiex jingħata appoġġ lit-talba sabiex il-UNESCO tirrikonoxxi il-Festa Maltija bħala Wirt Intanġibbli fil-Lista Rappreżentattiva tal-Umanità tal-UNESCO.

**<u>Paġna ta' Facebook</u>**
Il-Kunsill Lokali kompla jżomm aġġornata l-paġna ta' Facebook liema paġna wasslet mhux biss informazzjoni dwar il-COVID-19 kif spjegat aktar kmieni fir-rapport imma anke tagħrif dwar il-ħidma tal-Kunsill u tagħrif ieħor utli għar-residenti. Il-paġna għandha 1,979 *like* u fil-preżent għandha *page reach* ta' madwar 18 il-elf ruħ. Għalkemm dan ifisser li għad hemm lok ta' titjib, il-paġna qegħda tkompli tissaħħaħ u fuq bażi regolari qegħda tkompli żżid fil-*likes*.

Il-paġna qegħda wkoll żżomm strettament mal-kunċett ta' bilingwiżmu u kull post qegħda tkun tradotta kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Qiegħed ukoll isir sforz sabiex messaġġi ma' jitħallewx mhux mwieġba għal aktar minn tmienja u erbgħin siegħa. Naturalment bħal dejjem għad hemm lok ta' titjib.

**<u>Librerija Miftuħa</u>**
Sfortunatament minħabba l-COVID-19 il-librerija miftuħa għamlet numru ta' ġimgħat magħluqa ftit wara li ġiet varata. Madankollu fl-aħħar xhur il-librerija miftuħa reġgħet bdiet topera u qegħda tkun ta' suċċess. Il-ħidma qegħda tkompli sabiex il-kontenut tal-librerija jkompli jissaħħaħ.

**<u>Laqgħat ma' studenti</u>**
Il-Kunsill matul din is-sena rċieva numru ta' talbiet minn numru ta' studenti u għaqdiet studenteski li xtaqu il-kooperazzjoni tal-Kunsill Lokali fi studji li kienu qegħdin jagħmlu. Il-Kunsill Lokali huwa dejjem ħerqan

li jgħin lil dawn l-istudenti kemm billi jipparteċipa fl-intervisti u l-kwestjonarji meħtieġa kif ukoll billi jappoġġja l-inizjattivi ta' l-istess studenti.

F'każ minnhom l-inizjattiva mistennija tinkludi wirja artistika fl-ewwel xhur tas-sena 2021. Hawnhekk ħajr imur ukoll għal kollega Stephen Gatt li ta sehem attiv ħafna.

**Nota Konklussiva**

It-tama' hi li s-sena 2021 tara r-ritorn għan-normalità sabiex tissaħħaħ il-ħidma b'rabta ma' inizjattivi edukattivi. Il-Kunsill huwa wkoll konxju tal-ħtieġa tas-tisħiħ ta' l-element ta' twassil ta' informazzjoni u l-ħsieb hu li mill-ġdid tibda l-ħidma li minħabba l-Covid xi ftit jew wisq sfrattat b'rabta ma' *e-newsletter*. Bħal dejjem ser tkompli wkoll il-ħidma sabiex jinkisbu fondi mir-Reġjun Ċentru sabiex nkomplu nsebbħu l-lokal.

Nagħlaq b'nota ta' ringrazzjament lill-kollegi Ian Spiteri, Mary Louise Briffa, Oliver De Gaetano u Stephen Gatt u lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali. Bla dubju ta' xejn u bħal dejjem hemm lok għal titjib fil-ħidma tagħna u t-tama hi li fis-sena 2021 nkomplu ntejbu u nibnu fuq dak miksub.

## Il-Kunsillier Stephen Gatt

Responsabbli mill-Indafa, l-Ambjent, Komunitajiet, il-Qasam Soċjali u l-Integrazzjoni Soċjali

Għaddiet sena oħra ta' ħidma. Sfortunatament ġiet fuqna l-Covid-19 u ma stajniex nagħmlu ċerti attivitajiet jew laqgħat mar-residenti. Però, il-ħidma tiegħi ta' kuljum ma naqsitx li nattendi l-uffiċċju tal-Kunsill fejn nirrapporta l-ilmenti jew suġġerimenti li nkun iltqajt waqt il-*walkaround* li nagħmel ta' spiss mar-raħal.

Dawn il-*walkarounds* iservu biex inkun nista' nosserva xi nuqqasijiet, eżempju: ġbir ta' skart, indafa tat-toroq, żbir tas-siġar, bozoz difettużi u kull m'hemm bżonn ta' attenzjoni.

**<u>L-Ambjent</u>**

Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sur Publius Cordina tal-inizjattiva li ħa biex isebbaħ l-ambjent ta' mad-dawra tal-knisja, grazzi Publius.

Ma nistax ma nsemmix fuq il-ġbir tal-iskart fejn jiena u l-*Project Manager* is-Sur Adrian Mifsud qegħdin attenti biex kemm hu possibbli jinġabar dak kollu skond l-iskeda tal-ġurnata. Hawn nirringrazzja lir-residenti tal-kooperazzjoni fejn bis-saħħa ta' kulħadd irbaħna it-tieni post minn Malta kollha għall-immaniġġjar tal-iskart.

Matul is-sena kelli diversi laqgħat mas-Sur Frans Scifo fuq l-immigranti tal-*Open Centre* ġol-Bon Pastur. Fejn iddiskutejna il-problemi li jintaqgħu magħhom fosthom mal-banek fejn qiegħed jagħmluhielhom diffiċli biex jinfetħu kontijiet bankarji.

Nagħlaq biex nirringrazzja lis-Sindku, Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv u l-i*staff* kollu tal-uffiċċju għall-kooperazzjoni kontinwa.

## Il-Kunsillier Mary Louise Briffa

Responsabbli mill-Anzjani, iż-Żgħażagħ u Tfal

Nittama li kulħadd jinsab tajjeb. Ninsabu fi żmien diffiċli li qiegħed jitlob minna sforzi straordinarji. Dan qed nagħmluh b'impenn u mħabba lejn ir-raħal u r-residenti tagħna, sabiex nagħtu l-aħjar servizz u b'hekk inkunu nistgħu intejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies. Il-pandemija żammitna milli nimxu mal-pjanijiet u l-attivitajiet li konna ffissajna s-sena li għaddiet. Kellna ħafna proposti u attivitajiet ippjanati x'nagħmel fit-tliet dekasteri tiegħi. Però minħabba ċ-ċirkostanzi tal-pandemija u l-miżuri meħtieġa li riedna nieħdu minħabba s-saħħa ma setgħux isiru. Inwiegħed li kif l-affarijiet jerġgħu jiġu għan-normal nibda naħdem fuqhom b'effett immedjat.

Dan hu dak li diġà ġie mibdi u dak li hu pjanat isir:

**L-Anzjani**

- Transport għall-anzjani tar-raħal. Is-servizz jikkonsisti f'*shuttle service* mill-pjazza tar-raħal filgħodu u jwassal l-anzjani sal-berġa tas-saħħa ta' Birkirkara, u jibqa' sejjer l-isptar Mater Dei.

- Punt ieħor li qed naħdem fuqu hu li, infermiera tiġi d-dar biex tieħu testijiet tad-demm lill-anzjani u għalhekk l-anzjani jevitaw l-iskariġġ li joħorġu minn ġo darhom għal dan is-servizz.

- Jien u l-Viċi Sindku għaddejin b'diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Iklin biex nibdew norganizzaw diversi attivitajiet lill-anzjani li ġew offruti lilna mill-gvern. Dawn jinkludu diskussjonijiet fuq saħħa, eżerċizzju, *crafts*, drama u attivitajiet varji.

- Nerġgħu nkomplu l-ħarġiet li konna qegħdin nagħmlu ta' kull xahar fejn dawn kienu ta' pjaċir għall-anzjani għaliex kienu jkunu ta' opportunità biex jiltaqgħu u anki titnaqqas is-solitudni għal min qiegħed waħdu.

- Bħala Kunsill rajna fejn nistgħu ngħinu lill-anzjani fi żmien il-pandemija billi permezz ta' fondi li ġejna mogħtija, qassamna pakketti ta' maskri, *hand sanitizer* u *antibacterial wipes*. Fix-xhur li ġejjin ser nerġgħu inqassmu iżjed maskri bieb bieb.

- Fi żmien il-pandemija kien hemm min ċempilli għax ħass is-solitudni u xtaq joqgħod jitkellem ftit. Għal min ma setax joħroġ mid-dar wassaltlu xirjiet u affarijiet tal-bżonn kemm fir-raħal tagħna u anki fi rħula oħra viċin.

**It-Tfal**

- Hekk kif l-affarijiet jiġu għan-normal, ħa nerġgħu nibdew naħdmu b'impenn fuq:

  Kunsill tat-tfal;
  *Sports Day*;
  Ħarġiet edukattivi

- Jiena u l-Viċi Sindku, se nkomplu bit-taħdidiet li konna qegħdin nagħmlu mal-Kunsill Lokali tal-Iklin sabiex nikkollaboraw magħhom għaliex dawn għandhom sala kbira u spazjuża.

- Fix-xhur li ġejjin mistenni jibda wkoll il-proġett tal-bandli.

**Iż-Żgħażagħ**

- Jien u sħabi l-kunsilliera ltqajna wkoll mal-persuni li huma nkarigati miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ, biex naraw kif nistgħu ngħinu fil-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom.

- Iż-żgħażagħ fil-ħajja mgħaġġla tal-lum jaffaċċjaw ħafna problemi li jikkaġunaw pressjonijiet u stress. Għalhekk qegħdin naħdmu biex norganizzaw sessjonijiet varji speċifikament għaż-żgħażagħ biex jirnexxielhom jegħlbu dawn id-diffikultajiet li jaffaċċjaw. Uħud minn dawn is-sessjonijiet se jittrattaw temi bħal *stress management*, *online safety* u *inspirational talks*.

Filwaqt li nispera li din is-sena jkollna l-opportunità li nkomplu naħdmu fuq dawn il-punti li semmejt hawn fuq u oħrajn, nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil Catherine Zerafa u Mary Rose Cutajar li jifformaw parti mis-sotto kumitat tiegħi, tal-għajnuna u s-sostenn kontinwu.

## Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano

Responsabbli mill-Innovazzjoni, il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

**L-Innovazzjoni**

Nixtieq nagħmilha ampjament ċara li d-dekasteru li jirrigwardja l-anzjani bl-ebda mod ma hu wieħed li jaqa' taħt il-kompitu tiegħi. Hu fatt magħruf, li f'għadd ta' lokalitajiet madwar Malta, qiegħed jiġi pprovdut is-servizz ta' trasport b'xejn għall-anzjani min-naħa għall-oħra tal-belt jew raħal fejn ikun qiegħed jiġi pprovdut dan is-servizz, biss sfortunatament kif ġieli ġie diskuss waqt il-laqgħat tal-Kunsill, sa issa f'Ħal Balzan dan is-servizz għadu mhuwiex disponibbli. Il-provvediment ta' tali servizz lill-anzjani u persuni oħra vulnerabbli bl-ebda mod ma għandu x'jaqsam mad-dekasteru tal-innovazzjoni u huwa wieħed li jaqa' fl-inkwadratura tal-anzjani. Biss, nemmen li l-provvediment ta' tali servizz f'Ħal Balzan jista' jitqies bħala novità, u dan fid-dawl tal-fatt li sa issa qatt ma għadu ġie pprovdut servizz simili f'Ħal Balzan. Kien proprju għalhekk li meta l-Kunsilliera li taħtha jaqa' d-dekasteru tal-anzjani, esprimiet ix-xewqa li jiġi pprovdut servizz simili anke f'Ħal Balzan, jien offrejt li navviċina lil min hu responsabbli sabiex tiġi konvenuta laqgħa li fiha jkun hemm preżenti l-Kunsilliera responsabbli mill-anzjani sabiex tiġi diskussa din il-possibbiltà. Kien proprju hawnhekk li kkuntattjajt onlajn lill-Onor Silvio Parnis li dak iż-żmien kien is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-anzjani, sabiex jagħtina data u ħin li fih il-Kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tal-anzjani tkun tista' tiltaqa' miegħu u jekk hemm bżonn nakkumpanjaha jien. Biss, fil-kuntest ta' pandemija qalli li tali laqgħat kienu qed jiġu organizzati unikament f'każijiet tabilħaqq urġenti u li la darba t-tieni mewġa tal-pandemija tkun ikkalmat sew, jgħidilna meta nistgħu mmorru, biss fil-frattemp serraħli moħħi li s-servizz tas-'Silver T' kien se jiġi introdott f'kull belt u raħal madwar Malta u Għawdex f'temp ta' madwar sena. Ġara li wara li fl-aħħar ta' Novembru seħħet 'reshuffle' fil-Kabinett, is-settur tal-anzjani m'għadux taħt ir-responsabbiltà tal-Onor Parnis. Biss jien nibqa' disponibbli li jekk inkun mitlub ngħin sabiex tiġi organizzata laqgħa bejn il-Kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tal-anzjani u l-Ministru l-ġdid responsabbli minn dan is-settur, jien lest li nkun strument sabiex nagħmel użu leġittimu mill-kuntatti li għandi ħalli b'hekk tali laqgħa tkun tista' sseħħ.

Barra minn hekk, bħala Kunsillier inkarigat mill-Innovazzjoni, rajt li nadattaw kemm jista' jkun għaċ-ċirkostanzi li ġabet magħha l-imxija tal-COVID-19, billi avviċinajt lill-maġġoranza assoluta tal-persuni li għal xi raġuni jew oħra jitqiesu bħala vulnerabbli f'Ħal Balzan, sabiex nara li f'dawn iż-żminijiet diffiċli kellhom min jaqdihom u kull meta kien hemm bżonn xtrajtilhom il-bżonnijiet ta' kuljum tagħhom u ħadtomlhom fuq l-għatba tal-bieb tagħhom. Insistejt ukoll li dawk il-persuni li ma setgħux joħorġu mid-dar sabiex jiġbru l-pakkett bis-sanitizers u l-maskri li ġentilment ġie pprovdut mid-Distrett, noħodulhom id-dar personalment u dawk il-persuni l-oħrajn li ma jagħmlux użu mill-Internet u għalhekk ma setgħux ikunu jafu li kellna tali 'gift-packs' disponibbli b'xejn, ċempiltilhom u rajt meta jkunu komdi sabiex noħodulhom id-dar tagħhom. B'hekk stajt naċċerta li bħala Kunsill Lokali ma nkunux biss innovattivi, iżda proattivi b'tali mod li r-resident Balzani jkunu moqdi bl-aħjar mod possibbli.

**Il-Fondi tal-Unjoni Ewropea**

Sfortunatament, l-istess problema li affaċċjat is-sena l-oħra bħala Kunsillier inkarigat mill-fondi tal-Unjoni Ewropea, erġajt kelli naffaċċjaha din is-sena. U dan fid-dawl tal-fatt li kif tinsab attwalment l-iskema għall-applikazzjoni ta' fondi għar-restawr ta' statwi u affarijiet oħrajn ta' valur kulturali fir-raħal, ma jistawx jibbenefikaw minnha dawk il-villaġġi mhux ikklassifikati bħala 'rurali'. Sfortunatament Ħal Balzan m'huwiex ikkunsidrat bħala raħal rurali u għaldaqstant huwa eskluż mill-programm hekk imsejjaħ 'Leader'. Programm bħal dan kien ikun ideali peress li għandu Miżura speċifika li titlob ir-restawr ta' assi kulturali, u sfortunatament m'hemmx opportunitajiet oħra ta' finanzjament għar-restawr. Għalhekk, bħala Kunsillier insistejt li dawk il-fondi li ffrankajna sabiex isiru toroq ġodda fil-lokalità wara li dawn ġentilment għamel tajjeb għalihom il-Gvern Ċentrali, jintefqu sabiex tiġi rrestawrata l-istatwa antika ta' Santa Marija li tant hija għal qalb il-poplu Balzani u li ilha fi stat delapidat għal numru ta' snin.

Bħala raħal, dejjem xtaqna nimbarkaw fuq proġett ta' ġemellaġġ ma' postijiet oħra f'pajjiżi Ewropej. Is-sena li għaddiet ħdimt qatiegħ sabiex inħaddmu l-fondi Ewropej u nembarkaw fuq proġett ta' ġemellaġġ ma' Ficarra fi Sqallija. Biss sfortunatament kien hemm nuqqas ta' interess liema bħalu mill-Kunsill ta' Ficarra li qajla kienu jwieġbu l-imejls tagħna, aħseb u ara kemm riedu jirreċiprokaw u jidħlu f'ġemellaġġ magħna.

Għaldaqstant, kien hemm il-ħtieġa li nħabbtu fuq bibien oħrajn u bdejna naħdmu sabiex nissieħbu fi proġett ta' ġemellaġġ ma' villaġġ sabiħ fl-Albanija. Id-diskussjonijiet kienu għaddejjin ġmielhom, tant li fis-Sajf li għadda kellna mmorru l-Albanija sabiex niffamiljarizzaw irwieħna ma' dan il-villaġġ u niddiskutu l-possibbiltajiet kollha sabiex din il-ħolma tkun tista' ssir realtà. Biss, sfortunatament is-saga tal-COVID-19 ma ppermettietx li nkunu nistgħu nattwaw dak li konna ddiskutejna, u la darba l-pandemija tbatti tabilħaqq, inkunu nistgħu nitilgħu l-Albanija sabiex inkomplu naħdmu fuq dan il-proġett u nużaw il-fondi tal-Unjoni Ewropea sabiex nissieħbu fi proġett ta' ġemellaġġ.

Skema tabilħaqq interessanti hija l-iSkema ta' Proġetti għal Organizzazzjonijiet Volontarji, maħsuba sabiex tgħin lill-applikanti li qegħdin ifittxu fondi fuq proġetti li jistgħu jagħmlu differenza reali għall-komunitajiet lokali tagħhom. Din l-iskema tappoġġja inizjattivi ibbażati fuq it-tip tal-proġett - proġetti infrastrutturali - f'liema każ l-għotja mitluba m'għandhiex taqbeż € 20,000; u kif ukoll proġetti ta' riċerka, f'liema każ l-għotja li tintalab m'għandhiex taqbeż l-għaxart elef ewro (€ 10,000). Attwalment ninsab f'diskussjonijiet mas-Sur Kurt Cortis mill-Meusac, sabiex nara kif bħala lokalità nistgħu nibbenefikaw minn din l-iskema.

Skema oħra attraenti ferm hija l-'Iskema ta' Għajnuna lil Każini tal-Banda'. Din l-iskema tinkludi wkoll appoġġ mogħti lil każini tal-banda u l-attivitajiet eliġibbli taħt din l-iskema jinkludu fost oħrajn restawr ta' oġġetti ta' valur bħal ngħidu aħna pitturi, strumenti mużikali antiki, arkivji mużikali. Tali skema hija intiża wkoll sabiex tassisti lis-surmastrijiet, l-assistenti tas-surmastrijiet u l-għalliema tagħhom fi programm ta' edukazzjoni u taħriġ mużikali mmirat għalihom f'istituzzjonijiet edukattivi Maltin ta' livell terzjarju, liema programmi ta' studju u tagħlim huma organizzati b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet tal-'Band Unity'. Bħalissa, bħala Kunsill Lokali qegħdin nikkollaboraw mal-Każin San Gabriel, li jikklassifika bħala 'Organizzazzjoni Volontarja', sabiex ikun jista' jirrestawra xi strumenti mużikali u manuskritti antiki ta' valur liema bħalu, permezz tal-fondi Ewropej disponibbli f'dan ir-rigward.

**<u>Il-Ħarsien tal-Annimali</u>**

Ix-xogħol ta' Kunsillier ma jinvolvix biss il-ħidma mill-bini tal-Kunsill, iżda jirrikjedi li wieħed idur bieb, biex sabiex jara r-residenti x'għandhom bżonn. Kull meta ndur id-djar ninnota kemm hawn persuni li jħobbu l-annimali. Biss tajjeb li wieħed jindika l-fatt li hawn ukoll annimali li m'għandhomx dar permanenti. Qiegħed hawnhekk nirreferi għall-għadd ta' qtates li wieħed isib iduru mat-toroq u għalhekk bħala Kunsillier inkarigat mill-ħarsien tal-annimali ma nistax ma nfaħħarx il-fondi li l-gvern ġentilment qiegħed jagħmel disponibbli sabiex itaffi l-piż minn fuq l-ispalla ta' dawk il-persuni li b'qalb tajba jieħdu ħsieb dawn l-annimali. Kien proprju għalhekk li bħala l-Kunsillier inkarigat minn dan ir-rigward, is-Sajf li għadda ressaqt applikazzjoni sabiex bħala Kunsill nibbenefikaw minn elfejn ewro fuq ikel tal-qtates, elfejn ewro fuq servizzi veterinarji u elf ewro biex nembarkaw fuq kampanja edukattiva sabiex nisħqu dejjem iżjed fuq l-importanza sabiex ikunu mħarsin id-drittijiet tal-annimali li għall-kuntlarju tagħna l-bnedmin, m'għandhomx vuċi sabiex jiddefendu rwieħhom.

Tajjeb li hawnhekk nindika li s-sena li għaddiet, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan kien diġà applika għall-fondi sabiex ikunu jistgħu jiġu msewwija medja ta' erbgħa u tletin (34) qattus, kif ukoll fondi sabiex jinxtraw żewġ 'cat traps' sabiex il-qtates ikunu jistgħu jiġu maqbuda sabiex jittieħdu għand il-veterinarji mhux biss meta tkun se ssirilhom l-operazzjoni biex jiġu msewwija, iżda kull darba li tkun trid tingħatalhom xi forma ta' attenzjoni medika, anka jekk dan ikun sempliċiment 'check-up' regolari. Dawn il-'cat traps' ikunu jinżammu fil-bini tal-Kunsill, u kull meta xi ħadd mill-voluntiera li jieħdu ħsieb il-qtates ikun jeħtieġ l-użu ta' xi waħda mill-'cat traps', ikun jista' jiġi l-kunsill sabiex jissellifha.

Peress li l-proċess minn meta wieħed japplika għal tali fondi sa ma dawn jaslu, idum ftit taż-żmien mhux ħażin, personalment għamilt ġabra ta' prodotti utli għall-ħarsien tal-annimali, fosthom għadd ta' provvisti ta' ikel tal-qtates mingħand erbat iqlub tajba fir-raħal, sabiex qassamthom lil dawk il-persuni li ġentilment ta' kuljum jitimgħu u jieħdu ħsieb dawk il-qtates u annimali oħrajn li wieħed isib iduru fit-toroq ta' Ħal Balzan.

La qegħdin insemmu l-annimali, ma nistax ma nsemmix il-problema tal-ħamiem, problema li ilha tavvera magħna numru ta' snin, bil-problemi ta' ħmieġ u mard ieħor li dawn iġibu magħhom. FI Triq il-Kbira, Ħal Balzan, hemm dar li ilha abbandunata numru ta' snin u li għandha l-ħġieġ tal-prietel kollu mkisser, bir-riżultat li ħafna ħamiem salvaġġ qiegħed ibejjed fil-gallariji u t-twieqi ta' din id-dar. Quddiem din id-dar, il-

bankina dejjem tkun miksija bil-ħmieġ tal-ħamiem, b'tali mod li wieħed qas ikun jista' jimxi minn hemm. Għaldaqstant bħala l-Kunsillier inkarigat mill-ħarsien tal-annimali, kellimt lill-Pulizija sabiex jeżortaw lis-sid sabiex jimbarra l-bibieb u t-twieqi u b'hekk tittaffa din il-problema kemm jista' jkun.

**Punti Ġenerali oħrajn**

Bħal ma' wieħed jista' jimmaġina, il-pandemija fixklet il-ħidma ta' bosta Kunsilli Lokali u Kunsilliera. Ngħid għalija, għal perijodu mhux ħażin kelli nwaqqaf iż-żjarat tiegħi fid-djar tal-kostitwenti, kemm għas-saħħa u sigurtà tagħhom, kif ukoll dik tiegħi. Biss kif spjegajt fl-introduzzjoni ta' dan ir-rapport, jien ħadt l-inkarigu u l-ħin sabiex inċempel kemm jista' jkun lill-anzjani u l-persuni vulnerabbli kollha li jgħixu fir-raħal ta' Ħal Balzan, sabiex nara jekk dawn kellhomx bżonn ta' xaħaġa. Mhux l-ewwel darba li kont nagħmlilhom ix-xirjiet tagħhom u nwassalomlhom id-dar, jew inwassalhom għal xi appuntament l-isptar jew fil-berġa tas-saħħa, sabiex niffrankalhom li jkollhom jirkbu tal-linja fil-qilla tal-pandemija.

Sfortunatament, l-indafa f'Ħal Balzan mhux dejjem tilħaq l-aspettattivi tar-residenti, u dan għax il-kuntrattur li għandu l-kuntratt għall-ġbir tal-iskart mhux l-ewwel darba li jonqos milli jagħmel xogħlu kif suppost. Biss, tajjeb li nindika li bi qbil unanimu tal-Kunsilliera, kull darba li jkun hemm nuqqas min-naħa tal-kuntrattur, kemm tal-ġbir tal-iskart kif ukoll tal-kennies, se jinħarġu 'default notices' minnufih, biex b'hekk tkun tista' tiġi assigurata l-indafa li r-raħal ta' Ħal Balzan tant jistħoqqlu.

Mill-bqija, jien nagħmel mezz li darbtejn fil-ġimgħa ndur xi familji fir-raħal sabiex nipprova nisma' x'inhuma l-ilmenti u l-weġgħat tan-nies u naġixxi fuqhom billi nagħmel użu leġittimu mill-kuntatti li għandi sabiex ngħin lin-nies. Kemm il-darba nintebah li jkun hemm persuni, partikolarment anzjani, li mhux il-bdil ta' bozza jew it-tiswija ta' xi bankina jkollhom bżonn, iżda lil xi ħadd li jismagħhom u jagħtihom ftit mill-ħin tiegħu b'sens ta' imħabba u impenn. Nittama fuq kollox li l-vaċċin kontra l-coronavirus jasal fl-ixtut tagħna ma jdumx, biex b'hekk inkun nista' jkompli jkolli sehem attiv bħal qabel fil-komunità Balzanija u fuq kollox nagħmel il-ġid u nkompli niġbed iżjed u iżjed nies lejn il-Moviment li kkontestajt fuq il-biljett tiegħu.